# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru 2016**

**Numru 17**

**Ċitazzjoni Numru 520/12 JA**

**Paul Scicluna u Joseph Scicluna**

**v.**

**Carmelo Scicluna u Dorian Scicluna**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuti Carmelo Scicluna u Dorian Scicluna mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-8 ta Jannar 2016 li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati.

**2.** Il-Qorti rat in-nota tal-appellanti tat-18 ta' Ottubru 2016 wara d-

digriet ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru 2016 fuq in-nota tal-appellanti tat-3 ta' Ottubru 2016 (fol. 210) u rat ukoll l-Artikolu 143(1)(5) tal-Kap. 12.

**3.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"**Il-Qorti,**

"Rat ir-rikors maħluf ippreżentat mill-atturi Paul Scicluna u Joseph Scicluna fil-25 ta' Mejju, 2012 fejn gie premess:

"Illi l-partijiet għandhom raba' li jinsab fl-inħawi magħrufa bħala 'l-Qattara', Limiti ta' Rabat, Malta.

"Illi f'dan ir-raba' hemm ukoll razzett konsistenti fi kmamar fuq liema kmamar l-atturi jgawdu aċċess u pussess, inkluż imma mhux limitatament il-kmamar magħrufa bħala l-kamra tal-għodda) u l-kamra tat-tiben kif ukoll garaxx magħruf bħala "il-garaxx tat-*tractor*".

"Illi riċentement l-intimati abbużivament sakkru l-kmamar magħrufa bħala l-kamra tal-għodda u l-kamra tat-tiben fejn l-istess atturi għandhom ukoll xi għodda kif ukoll għalqu u sakkru għal kollox il-garaxx tat-*tractor* u konsegwentement ċaħħdu lill-atturi mill-pussess u l-aċċess li kellhom għall-istess.

"Illi dan kollu jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin.

"Illi *nonostante* illi ġew interpellati anke permezz ta' ittra interpellatorja datata 7 ta' April 2012, il-konvenuti baqgħu inadempjenti.

"Għaldaqstant l-atturi jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

"1. Tiddikjara illi l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-atturi meta abbużivament sakkru l-kmamar li jinsabu fir-razzett fl-inħawi magħrufa bħala 'l-Qattara', Limiti tar-Rabat, Malta, liema kmamar huma magħrufa bħala l-kamra tal-għodda u l-kamra tat-tiben (fejn l-istess atturi għandhom ukoll xi għodda kif ukoll għalqu u sakkru għal kollox il-garaxx tat-*tractor,*

u konsegwentement ċaħħdu lill-atturi mill-pussess u l-aċċess li kellhom għall-istess.

“2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju sabiex jerġgħu jirripristinaw kollox kif kien qabel okkorrendo bl-opera ta’ perit nominandi b’mod illi l-atturi jerġgħu jgawdu aċċess u pussess fuq il-kmamar magħrufa bħala l-kamra tal-għodda u l-kamra tat-tiben li jinsabu fir-razzett fl-inħawi magħrufa bħala l-Qattara, Limiti tar-Rabat, Malta kif ukoll fuq il-garaxx magħruf bħala ‘l-garaxx tat-*tractor’*.

“3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex jagħmlu dawn ix-xogħlijiet rimedjali okkorrendo bl-opera ta’ perit nominandi a spejjeż tal-konvenuti.

“Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nġunti in subizzjoni.

“B’riserva ta’ kwalunkwe azzjoni spettanti lill-atturi skond il-liġi.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

“Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Carmelo Scicluna u Dorian Scicluna fl-14 t’Awissu 2012 fejn eċċepew is-segwenti:

“1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż *stante* illi dik li ssir riferenza għaliha bħala ‘l-kamra tal-għodda’ llum hija miftuħa u m’hemm ebda impediment għar-rikorrenti biex jagħmlu użu minnha (*oltre* għall-fatt li din kienet ġiet imsakkra għal skop leġittimu kif se jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawża); filwaqt li għal dak li jirrigwarda dik li ssir referenza għaliha bħala ‘l-kamra tat-tiben’ u ‘l-kamra tat-*tractor*’ ir-rikorrenti ma kellhomx pussess materjali ta’ dawn iż-żewġt ikmamar u għalhekk wieħed mill-elementi fundamentali tal-*actio spolii* ma jissussistix.

“2. Illi f’kull każ l-allokazzjonijiet ta’ dawn il-kmamar fir-razzett in kwistjoni sar in segwitu għall-ftehim bejn il-partijiet illi huma lkoll aħwa (l-intimat Dorian Scicluna jiġi iben l-intimat l-ieħor Carmelo Scicluna) u bdiewa u jiġi rilevat illi r-rikorrenti stess sakkru u għalqu l-kmamar tagħhom u għalhekk l-azzjoni ta’ spoll f’dawn iċ-ċirkostanzi ma tapplikax.

“3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

“Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi d-dokumenti, noti ta’ sottomissjonijiet u kontroeżamijiet;

“Illi ħadet in konsiderazzjoni l-aċċess li sar fl-4 ta’ Frar 2013.

“Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-8 ta’ Jannar 2016.

“Ikkunsidrat:

“**Fatti**

“Illi hu paċifiku bejn il-partijiet li din hi kawża ta’ spoll u għalhekk l-indaġini ta’ din il-Qorti ser jittrattaw biss l-elementi tal-ispoll mingħajr ma tidħol fil-kwistjonijiet oħra senjatament dawk konnessi ma’ drittijiet fuq il-proprjetajiet ħlief u limitatament għal dak li hu strettament relevanti għal finijiet ta’ din il-vertenza.

“Illi jidher illi l-partijiet għandhom raba’ li tinsab fl-inħawi magħrufa bħala ‘l-Qattara’, Limiti ta’ Rabat, Malta. Jirriżulta wkoll illi fuq din ir-raba’ hemm xi binjiet u jidher li l-vertenza tikkonċerna kamra tal-għodda, kamra tat-tiben u ‘garaxx tat-*tractor’*. Da parti tagħhom l-atturi qegħdin jikkontendu illi huma kellhom aċċess u pussess fuq dawn l-ambjenti u lmentaw illi l-konvenuti allegatament b’mod abbużiv sakkru dawn il-kmamar b’dan illi ċaħħduhom mill-pussess u l-aċċess u għalhekk kellha ssir din il-kawża. In sostenn tat-teżi tagħhom l-atturi esebew ħames affidavits ta’ Joseph Scicluna (a fol. 18); Angelo Scicluna (a fol. 61); Antonia Scicluna (a fol. 22); Paul Scicluna (a fol. 62) u Frans Scicluna (a fol. 54). Rat il-kopja tar-rapport relattiv li sar fl-Għassa tal-Pulizija, Rabat, Malta (a fol. 65).

“**Eċċezzjonijiet**

“Illi l-konvenuti eċċepew illi l-‘kamra tal-għodda’ kienet reġgħet infetħet iżda kienet preċedentement ingħalqet minnhom għal raġuni li huma kkontendew li kienet waħda leġittima. *Inoltre* dwar il-‘kamra tat-tiben’ u ‘kamra tat-*tractor’* il-konvenuti eċċepew illi l-atturi qatt ma kellhom pussess fuqhom u għalhekk allegaw li kien nieqes wieħed mill-element fundamentali tal-*actio spolii.* F’kull każ il-konvenuti rrilevaw illi l-assenjazzjoni ta’ dawn il-kmamar ġewwa r-razzett *de quo* sar skont ftehim bejn il-partijiet u bdiewa u fil-fatt l-atturi stess sakkru u għalqu u l-kmamar tagħhom u għalhekk eċċepew li l-azzjoni ta’ spoll ma tapplikax f’dan il-każ. Da parti tagħhom il-konvenuti esebew affidavits

ta' Carmelo Scicluna (a fol. 74); Dorian Scicluna (a fol. 89) u ta' Francesco Saverio *k/a* Saver Scicluna (a fol. 91).

"**Kunsiderazzjonijiet Legali**

"Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawża ta' spoll. L-atturi jsostnu li l-konvenuti kkommettew l-ispoll meta sakkru l-kmamar u garaxx in kwistjoni. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċjoe':

"1. il-pussess – *possedisse*;

"2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta' tal-attur – *spoliatum fuisse*; u

"3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – *infra bimestre deduxisse*[1].

"Illi dawn ir-rekwiżiti effettivament joħroġu mill-Artikolu 535(1) tal-Kodiċi Ċivili stess:

> *"Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżża' mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."*

"Illi l-konvenuti qed jikkontesta l-kawża billi jgħidu illi kif ġja' ngħad illi l-'kamra tal-għodda' kienet reġgħet infetħet iżda kienet preċedentement ingħalqet minnhom. Dwar il-'kamra tat-tiben' u 'kamra tat-*tractor*' il-konvenuti eċċepew illi l-atturi qatt ma kellhom pussess fuqhom u f'kull każ il-konvenuti rrilevaw illi l-assenjazzjoni ta' dawn il-kmamar ġewwa r-razzett *de quo* sar skont ftehim bejn il-partijiet u bdiewa.

"Illi fil-fehma tal-Qorti jidher ċar li l-konvenuti *ex admissis* ikkomettew l-ispoll. Il-konvenuti ma ċaħħdux il-fatt illi l-atturi kellhom aċċess u pussess fattwali fuq dawn l-ambjenti tant hu hekk li kienu jżommu l-għodda ġo fihom. Il-fatt li huma ġew ordnati mill-MEPA jagħlqu xi sustanzi u / jew li kien hemm xi assenjazzjoni ta' kmamar u / jew li l-atturi sakkru xi kmamar oħrajn, m'humiex ta' ebda difiża għaliha f'din il-kawża ta' spoll għaliex jidher li l-atturi kellhom pussess tal-fond.

[1] **"Arends *et* vs Mizzi"**, Qorti tal-Appell deċiża fil-11 ta' Jannar 2013.

"Illi fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 1956 fl-ismijiet **"Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello"**, l-istess Qorti qalet illi:

> *"Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-tribunal ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għall-fatt biss tal-pussess u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jista' jkun vizzjat u min jikkommetti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spoljat."*

"Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa:

> *"... qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato".* (Vol III Sez. 52).

"Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"**, deċiża fit-12 ta' April 1958:

> *"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi mpedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

"Illi bran ieħor rilevanti jgħid illi:

> *"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna …"* (**"Cardona vs Tabone"**, Appell deċiż fid-9 ta' Marzu 1992).

"Illi fir-rigward tal-kmamar il-konvenuti ma jistgħux jiddefendu ruħhom lanqas billi jgħidu li l-atturi qegħdin jillimitaw l-azzjoni tagħhom sabiex jkunu jistgħu jużaw il-makkinarju agrikolu tagħhom għalkemm huwa minnu li kontroeżaminat wieħed mill-atturi qal li l-kawża qed jagħmluha biex jieħdu ħwejjiġhom lura. Dan għaliex *"Hu l-att promotur kif intavolat it-talbiet u l-premessi tagħhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha teżerċita l-ġudizzju tagħha ..."*; **"Frankie Refalo nomine vs Jason Azzopardi et"** (Appell deċiż fis-7 ta' Ottubru 1997), u wkoll *"Huwa prinċipju ġenerali illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu*

*deżunti mit-terminu tal-att li bih jinbdew il-proċeduri ...”* (**“Joseph Tabone vs Joseph Flavia”** – Appell deċiż fis-7 ta’ Marzu 1958), u fir-rikors promotur huwa evidenti li l-atturi qed jistitwixxu l-kawża ta’ spoll għaliex ma għadx għandhom aċċess għal ħwejjiġhom.

“Illi jidher illi l-konvenuti qegħdin jagħrfu l-pussess tal-atturi fis-sens li rrikonoxxew li l-atturi kienu jħallu l-makkinarju hemmhekk iżda jidher li l-atturi mhux biss iridu l-aċċess għall-makkinarju iżda li jkomplu jeżerċitaw il-pussess tagħhom billi jkomplu jħalluhom hemmhekk b’aċċess liberu u kontinwu għalihom. Madankollu l-konvenuti fin-nota tagħhom jagħmlu distinzjoni bejn pussess u tolleranza. Meta l-atturi in kontroeżami jagħmlu referenza għall-kelma *“kuntentizza”,* il-Qorti hi tal-fehma li l-atturi ma kienux qegħdin jirreferu għat-titolu legali li bih kienu jgawdu dan id-dritt iżda merament kienu qegħdin jirreferu għal fatt illi f’dak iż-żmien ma kienx hemm disgwid bejn il-partijiet f’dan ir-rigward. L-artikolu tal-liġi f’kwalunkwe każ jagħmel referenza għal *“detenzjoni.”* Hu għalhekk isegwi li għalkemm forsi l-atturi ma kellhomx ċavetta għal garaxx jidher li kellhom xi makkinarju tagħhom ġo fih – u peress li ma kienx hemm disgwid setgħu faċilment jiftehmu mal-konvenuti sabiex ikollhom aċċess u pussess tagħhom sabiex ikunu jistgħu jużawhom. Jidher għalhekk illi l-atturi kellhom pussess u dan il-pussess ġie turbat mill-konvenuti.

“Illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni da parti tal-konvenuti li l-azzjoni saret fit-terminu ta’ xahrejn kif rikjest mil-liġi. F’kwalunkwe każ jinkombi lill-atturi jippruvaw it-tempestivita’ tal-azzjoni; (ara f’dan ir-rigward is-sentenza fl-ismijiet **“Trevor Arends vs Veronique Mizzi”** deċiża minn din il-Qorti fil-11 ta’ Jannar 2013). Ġie deċiż infatti f’dik is-sentenza li *trattandosi* ta’ element kostituttiv tal-azzjoni ta’ spoll, dan għandu jiġi wkoll pruvat mill-attur.

“Illi forsi aktar speċifikatament fis-sentenza **“Georgina Borg vs Errol Cassar et”** (21 t’Ottubru 2002) – ċitata fil-kawża msemmija – il-Prim’ Awla (Imħ. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta’ xahrejn f’azzjoni ta’ spoll qalet illi:

> *“Huwa veru li dan il-punt ma ġiex formalment eċċepit, kif normalment u ġuridikament wieħed kien jistenna in bażi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B’danakollu it-terminu ta’ xahrejn li fih l-attur irid jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu huwa element essenzjali ta’ din l-azzjoni li jeħtieġ li jiġi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f’kull każ ta’ din ix-xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teċċepixxi bħal dan il-każ il-preskrizzjoni tagħha bid-dekors tal-perjodu estintiv ta’ xahrejn.*”

"Illi f'dan ir-rigward l-atturi rrilevaw fl-*affidavits* tagħhom illi l-att spoljattiv seħħ fl-4 ta' April 2012 u jidher mill-atti proċesswali illi l-kawża ġiet ippreżentata fil-25 ta' Mejju 2012 – u għalhekk l-azzjoni f'dan is-sens ukoll saret *entro termine*.

"Illi fl-aħħarnett tajjeb li l-Qorti tirrimarka li din is-sentenza bl-ebda mod ma hija se tagħti xi drittijiet lill-atturi *oltre* milli jiġi ripristinat l-aċċess biex jirtiraw l-oġġetti tagħhom mill-ambjenti in kwistjoni u jekk ikun il-każ jibqgħu jħalluhom hemm għall-bżonn. Fl-istess waqt tiddikjara li l-konvenuti ma kellhomx dritt li arbitrarjament jaqbdu u jsakkru l-ambjeni kif jiriżulta li għamlu iżda li jekk jidhrilhom li l-atturi ma għandhom ebda dritt jibqgħu jagħmlu użu mill-istess, li jipproċedi ġudizzjarjament għal dak l-iskop.

"**DEĊIŻJONI**

"**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet kollha attriċi. *Ai fini* tat-tieni talba l-Qorti tipprefiġġi terminu ta' xahar u tinnomina lil A.I.C. Robert Musumeci bħala perit tekniku biex jissorvelja x-xogħlijiet.**

"**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuti.**"

**<u>Rikors tal-appell tal-konvenuti Carmelo Scicluna u Dorian Scicluna (26.01.2016)</u>**

**4.** Il-konvenuti ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha.

*L-ewwel aggravju – il-karenza tal-pussess*

**5.** Il-konvenuti appellanti jsostnu li joħroġ ampjament ċar mill-provi mressqa li l-atturi appellati kienu jużaw il-kmamar in kwistjoni bit-

tolleranza tal-konvenut Carmel Scicluna. Jaċċennaw għall-fatt li l-atturi stess fix-xiehda mogħtija minnhom iddikjaraw li kienu jidħlu fil-kmamar in kwistjoni bil-"*kuntentizza"* tiegħu u kwindi jargumentaw li mhux sodisfatt l-element tal-"*possedisse*" li huwa tassattivament meħtieġ sabiex azzjoni ta' spoll tirnexxi.

*It-tieni aggravju – il-garaxx ma kienx jintuża mill-atturi tant li anqas biss kellhom ċavetta tiegħu*

**6.** Il-konvenuti appellanti jargumentaw illi mill-assjem tal-provi miġbura jirriżulta li l-atturi appellati qatt ma kienu jagħmlu użu mill-garaxx, u jispjegaw li fil-fatt ma kien xejn għajr sempliċi bitħa b'ċint imdawwar ta' ftit filati li imbagħad inbena mill-konvenut u li fih l-istess konvenut installa bieb. Jgħidu li tali bitħa kienet fil-fatt ġiet assenjata lil oħt il-kontendenti, u hija kienet tatha lill-konvenut. Iżidu jgħidu li l-atturi qatt ma kellhom ċavetta ta' dan il-garaxx, u li għalhekk żgur li ma jistgħux jgħidu li kellhom il-pussess tiegħu.

*It-tielet aggravju – l-iskop tal-kawża kien biex l-atturi jieħdu l-makkinarju li hemm fil-kmamar u mhux biex jibqgħu jużaw il-kmamar*

**7.** Il-konvenuti appellanti jaċċennaw għall-fatt li fil-kontro-eżamijiet relattivi li saru lill-atturi, huma kienu xehdu li l-kawża odjerna kienu

għamluha għar-ripreża tal-makkinarju u għalhekk jargumentaw illi dak li qed jippretendu l-atturi appellati mhux id-dritt li jkomplu jagħmlu użu mill-kmamar iżda li jkomplu jagħmlu użu mill-għodod u l-makkinarju agrikolu li qed jippretendu li għandhom sehem minnhom u li huwa għalhekk li jridu li l-kmamar u l-garaxx jerġgħu jinfetħu.

**<u>Risposta tal-appell tal-atturi Paul u Joseph Scicluna (22.02.2015)</u>**

**8.** L-atturi appellati wieġbu biex jgħidu li l-aggravji mressqa mill-konvenuti appellanti għandhom jiġu miċħuda u s-sentenza appellata tiġi konfermata fl-intier tagħha.

**9.** Dwar l-ewwel aggravju huma jargumentaw li fil-fatt ma ġiet ippruvata l-ebda tolleranza u anke jaċċennaw għall-fatt li lanqas biss ma tressqet xi eċċezzjoni formali f'dan is-sens. Jgħidu li t-tifsira li taw il-konvenuti appellanti għall-kelma "*kuntentizza*" kienet diġa ġiet sollevata minnhom fis-sottomissjonijiet tagħhom u li fil-fatt l-ewwel Qorti kienet qieset li b'tali kelma l-atturi ma kinux qed jirreferu għal xi titolu legali (tolleranza) iżda "*merament kienu qegħdin jirreferu għall-fatt illi f'dak iż-żmien ma kienx hemm diżgwid bejn il-partijiet f'dan ir-rigward*".

**10.** Dwar it-tieni aggravju huma jsostnu li effettivament kellhom il-pussess tal-garaxx tat-tractor. Dwar il-mistoqsija li kienet saret lill-attur

kienx jissakkar u jekk kellhomx ċavetta, għal liema mistoqsija huwa wieġeb li l-garaxx kien jissakkar u li ma kellhomx ċavetta, jargumentaw li l-kawża saret proprju għaliex issakkar dan il-garaxx meta qabel kien miftuħ u li l-konvenuti invece għamlu kapital minn dan kollu.

**11.** Dwar it-tielet aggravju, u cioe` li l-kawża saret għax kellhom interess fil-makkinarju u mhux fil-kmamar, jgħidu li dan mhux minnu. Jaċċennaw għall-talbiet fl-att promutur u jgħidu li huma ċari daqs il-kristall. Jispjegaw li huma naturalment sfaw ukoll imċaħħdin mhux biss mill-użu tal-kmamar u l-garaxx imsemmija fir-rikors promotur iżda wkoll minn ħwejjiġhom li l-konvenuti sakkrulhom b'mod abbużiv.

**<u>Sfond tal-kawża:</u>**

**12.** L-atturi Joseph Scicluna u Paul Scicluna, u l-konvenut Carmelo Scicluna huma aħwa. (Il-konvenut Dorian Scicluna jiġi iben il-konvenut Carmelo Scicluna). Joseph, Paul u Carmelo Scicluna (u ħuthom oħra li mhux parti fil-kawża) għandhom biċċa art fl-inħawi magħrufa bħala "Il-Qattara" limiti tar-Rabat, Malta, imqabbla għandhom, liema art ġiet mingħand missierhom. Fuq din l-art hemm razzett li jinkludi "*il-kamra tal-għodda*", "*il-kamra tat-tiben*" u wkoll "*il-garaxx tat-tractor*".

**13.** Il-konvenut fl-affidavit tiegħu qal li meta nqasam ir-razzett il-kmamar kienu ġew assenjati lilu. Fir-rigward tal-garaxx (bitħa msaqqfa)

jgħid li għalkemm dan kien ġie assenjat lil oħtu Rita Scicluna, hija skont l-iskrittura tat-30 ta' Jannar 2013 – jiġifieri tmien xhur wara li nfetħet din il-kawża – tatu permess bil-miktub biex jużah hu.

**14.** L-atturi fir-rikors tagħhom isostnu li huma kellhom aċċess għal tali kmamar u garaxx iżda jilmentaw li l-konvenuti abbużivament sakkruhom u għalhekk ċaħduhom mill-pussess li kellhom tagħhom u wkoll mill-għodda li kellhom fihom. Għalhekk intvolaw din l-*Actio Spolii*.

**<u>Id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti</u>**

**15.** L-ewwel Qorti kienet sodisfatta li t-tlett elementi ta' spoll ġew pruvati u għalhekk laqgħet it-talbiet tal-atturi u ordnat lill-konvenuti jirripristinaw kollox kif kien b'mod li l-atturi jerġgħu jgawdu l-aċċess u l-pussess fuq il-kmamar u l-garaxx.

*L-ewwel aggravju: pussess jew tolleranza*?

**16.** Il-konvenuti fl-ewwel aggravju tagħhom jargumentaw illi mhux minnu li l-atturi kellhom il-pussess taż-żewġt ikmamar u jsostnu li dawn kienu jużawhom bit-tolleranza tal-konvenut Carmelo Scicluna.

**17.** Fl-ewwel lok, kif osservaw ben tajjeb l-atturi appellati fir-risposta tal-appell tagħhom, il-kunċett tat-"tolleranza" ma jiffigura mkien, la fir-

risposta ġuramentata (bħala eċċezzjoni formali) u lanqas fl-*affidavits* tal-konvenuti. Tqajjem biss fin-nota tas-sottomissjonijiet tal-konvenuti (bħala *an afterthought*) fejn huma għamlu distinzjoni bejn il-pussess u t-tolleranza. L-ewwel Qorti f'dan ir-rigward kienet qalet hekk:

> *"Madanakollu l-konvenuti fin-nota tagħhom jagħmlu distinzjoni bejn pussess u tolleranza. Meta l-atturi in kontro-eżami jagħmlu riferenza għall-kelma "kuntentizza", il-Qorti hi tal-fehma li l-atturi ma kinux qegħdin jirreferu għat-titolu legali li bih kienu jgawdu dan id-dritt iżda merament kienu qegħdin jirreferu għall-fatt illi f'dak iż-żmien ma kienx hemm diżgwid bejn il-partijiet f'dan ir-rigward. L-artikolu tal-liġi f' kwalunkwe każ jagħmel riferenza għal 'detenzjoni'."*

**18.** Il-konvenuti appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom invece jsostnu li meta fix-xiehda tagħhom l-atturi appellati Paul Scicluna u Joseph Scicluna jitkellmu fuq il-fatt li kienu jużaw il-kmamar bil-"*kuntentizza*" ta' ħuhom il-konvenut Carmelo Scicluna, dan neċessarjament ifisser li l-użu tal-kmamar kien isir bit-"*tolleranza*" tiegħu u li għalhekk kienet żbaljata l-ewwel Qorti meta interpretat il-pussess bil-kuntentizza bħala detenzjoni, u jargumentaw li "*kuntentizza"* tfisser li l-atturi kienu qegħdin igawdu biss b'tolleranza, liema tolleranza mhux tutelabbli bl-azzjoni ta' spoll.

**19.** Din il-Qorti eżaminat ix-xiehda in subizzjoni tal-atturi f'dan ir-rigward.

**20.** Paul Scicluna fix-xiehda tiegħu in subizzjoni tat-18 ta' Frar 2015[2] xehed illi l-għodda kienu jpoġġuhom fil-kamra tal-konvenut Carmelo

---

[2] Fol 122 - 135

Scicluna bil-"*kuntentizza*" tiegħu:

> "*Dr Chris Cilia: Le, le, le. Ħa nsaqsik jiena għaliex inkella jgħidu li qed infixklek. L-għodda fil-kamra ta' Menu biex kontu tpoġġuhom hemm? Kif kontu tpoġġuhom hemm? B'liema dritt kontu tpoġġuhom hemm?*
>
> "*Xhud: Għax aħna konna naħdmu flimkien.*
>
> "*Dr Chris Cilia: Bil-kuntentizza tiegħu?*
>
> "*Xhud: Iva bil-kuntentizza tiegħu.*
>
> "*Dr Chris Cilia: Bil-kuntentizza tiegħu.*
>
> "*Xhud: Konna naħdmu flimkien. U sa jumejn qabel jew ġurnata qabel m'għalaq, jien kont nidħol hemm anke nuża' l-morsa. Kont użajt il-morsa.*"

**21.** Joseph Scicluna fix-xiehda tiegħu in subizzjoni tal-15 ta' Mejju 2015[3] xehed li l-kmamar huma tal-konvenut Carmelo Scicluna u li kienu jużawhom bil-"*kuntentizza*" tiegħu:

> *"Dr Chris Cilia: Meta qsamtu fil-qasma, missew lil ħuk Menu dawn il-kmamar.*
>
> *"Xhud: Iwa.*
>
> *"Dr Chris Cilia: Missew lil ħuk Menu u inti qed tgħidilna li kontu tużawhom.*
>
> *"Xhud: Iwa bil-kuntentizza tiegħu u ta' missieri.*
>
> *"Dr Chris Cilia: Jiġifieri kontu tużawhom bil-kuntentizza tiegħu, naqblu?*
>
> *"Xhud: Bil-kuntentizza, min?*
>
> *"Dr Chris Cilia: Hux, hekk, bil-kuntentizza ta'*
>
> *"Xhud: Le żomm. Le, le żomm naqra. Konna nużaw il-kmamar tiegħu bil-kuntentizza tiegħu u kien juża l-kmamar bil-kuntentizza tagħna, għax qed ngħidlek, u nerġa' ngħidlek, sal-aħħar moment li għalaq, jidħol f'tagħna u nidħlu f'tiegħu. Missieri jaf kif konna. Missieri jaf kif konna u*

[3] Fol 143- 159

*konna flimkien.*

*"Dr Chris Cilia: Jiġifieri bil-kuntentizza.*

*"Xhud: Ta' xulxin imma, biex ma torbotniex b'dik il-kelma. Bil-kuntentizza ta' xulxin. Bil-kuntentizza ta' xulxin."*

**22.** Din il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti, u anke mal-argument tal-atturi appellati, illi l-kelma "*kuntentizza"* f'dan is-sens ma tistax tiġi ekwiparata ma' "*tolleranza*". Fil-fehma tagħha ma ġiex pruvat b'mod konklussiv li l-atturi appellati kienu jużaw il-kmamar bit-tolleranza tal-konvenut. Fil-fatt fix-xhieda tiegħu l-attur Joseph Scicluna għamilha ċara li bil-kelma "*kuntentizza*" ma kinux qegħdin jintrabtu u enfasizza li kien hemm il-"*kuntentizza"* ta' xulxin, il-"*kuntentizza*" reċiproka. B'dawn il-kliem aktarx li ried ifisser illi dak iż-żmien il-partijiet kellhom relazzjonijiet tajbin bejniethom.

**23.** Ma jistax wieħed b'daqshekk jasal biex jikkonkludi li l-użu tal-kmamar da parti tal-atturi kien qed isir bit-"*tolleranza*" tal-konvenut. Hemm bżonn iktar minn hekk biex din il-Qorti tqis li kien każ ta' "*tolleranza*". Fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Calleja et v. Godfrey Zammit et** deċiża minn din il-Qorti fil-11 ta' Frar 2014, ġie spjegat li:

*"Huwa ritenut li in vista tal-fatt li min jeżerċita poter ta' fatt fuq il-ħaġa huwa l-preżunt pussessur, jispetta lil min jikkontesta dan il-pussess li jipprova li l-pussess hekk vantat jidderivi minn att ta' tolleranza. Dan għaliex kif drabi oħra ġie osservat mill-Qrati tagħna, "it-tolleranza ma għandhiex tiġi preżunta u għandha għalhekk tiġi pruvata almenu prima facie" (Kollez Vol XXXVI p.I, p.292) u "l-piż ta' din il-prova jinkombi fuq min jinvoka t-tolleranza" (Kollez Vol XLIV p.II, p.608)."*

**24.** Huwa notevoli ukoll il-fatt li, kif diġa' osservat supra, il-konvenuti stess lanqas biss qajmu t-"*tolleranza*" bħala eċċezzjoni, iżda donnha ġiethom l-idea li jqajmuha wara li ssemmiet il-kelma "*kuntentizza*" fil-mori tal-kawża, li fi kwalunkwe każ din il-Qorti, kif fuq spjegat, mhix tal-fehma li din għandha tiġi ekwiparata ma' "*tolleranza*".

**25.** Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-ewwel aggravju jirriżulta infondat.

*It-tieni aggravju: jekk l-atturi kinux jagħmlu użu mill-garaxx*

**26.** Il-konvenuti appellanti jsostnu illi kuntrarjament għal dak li rriżulta lill-ewwel Qorti, l-atturi appellati qatt ma kienu jagħmlu użu mill-garaxx. Jaċċennaw għax-xiehda ta' Paul Scicluna mogħtija fit-18 ta' Frar 2015[4] minn fejn jirriżulta li qatt ma kellhom ċavetta tal-garaxx u jargumentaw illi jekk qatt ma kellhom ċavetta tal-garaxx allura aħseb u ara kemm seta' qatt kellhom il-pussess tiegħu.

> "*Dr Chris Cilia: Il-garaxx in kwistjoni jissakkar?*
>
> *"Xhud: U żgur li jissakkar.*
>
> *"Dr Chris Cilia: Jissakkar. Ċavetta qatt kellkom tal-bieb?*
>
> *"Xhud: Kif?*

[4] Fol 122-135

> *"Dr Chris Cilia: Qatt kellkom ċavetta tal-bieb bil-ġurament tiegħek? Iva jew le? Qatt kellkom ċavetta tal-bieb?*
>
> *"Xhud: Tal-bieb le.*
>
> *"Dr Chris Cilia: Qatt ma kellkom ċavetta?*
>
> *"Xhud: Le."*

**27.** Iżda kif spjegaw l-atturi fir-risposta tal-appell tagħhom, kien proprju għaliex il-garaxx issakkar u ma kellhomx ċavetta għalih li għamlu l-kawża tal-ispoll. Fil-fatt fir-rikors promutur tagħhom, l-ilment huwa li "*l-intimati sakkru l-kmamar magħrufa bħala il-kamra tal-għodda, il-kamra tat-tiben fejn l-istess atturi għandhom ukoll xi għodda kif ukoll għalqu u sakkru għal kollox il-garaxx tat-tractor u konsegwentement ċaħdu lill-atturi mill-pussess u l-aċċess li kellhom tal-istess".*

**28.** Din il-Qorti fil-fatt tosserva li għalkemm il-parti tax-xiehda ta' Joseph Scicluna kif ċitata mill-konvenuti appellanti tista' tinftiehem li l-garaxx kien ilu jissakkar u li l-atturi qatt ma kellhom ċavetta għalih, jekk wieħed ikompli jaqra jara li x-xhud fil-fatt spjega li l-garaxx issakkar fl-4 ta' April 2012, u cioe` l-istess jum li ssakkru l-kmamar. Din il-Qorti ser tiċċita l-kumplament tax-xiehda tal-attur f'dan ir-rigward:

> "*Dr Chris Cilia: Jiġifieri kemm dam dan l-ambjent bieb u bil-bieb jissakkar, ċavetta ma kellkom qatt. Naqblu?*
>
> *"Xhud: Le.*
>
> *"Dr Chris Cilia: Xejn iżjed domandi.*
>
> *"Dr Joseph Zammit: Ħa nagħmillu domanda. Rigward il-garaxx li qed*

*isemmilek l-avukat u qed jgħidlek li jissakkar. Meta ssakkar dan?*

*"Xhud: Bħalma…fl-4 ta' April 2012.*

*"Dr Joseph Zammit: Jiġifieri fl-istess ġurnata ssakkar?*

*"Xhud: Kullimkien, kullimkien sakkar. Kullimkien. U oħra. U dan.*

*"Dr Chris Cilia: Ħa nerġa' nsaqsih. Ħalli nsaqsih. Oqgħod kwiet. Mela, dan il-garaxx li qed tgħidilna li ssakkar fl-istess ġurnata bħall-oħrajn.*

*"Xhud: Iva*

*"Dr Chris Cilia: Kemm kien ilu bil-bieb?*

*"Xhud: Kemm kien ilu?*

*"Dr Chris Cilia: Eh*

*"Xhud: Naħseb ma kienx iżjed minn erbat ijiem jew ġimgħa.*

*"Dr Chris Cilia: Jiġifieri ġimgħa kien ilu bil-bieb dan il-garaxx?*

*"Xhud: X'inhu?*

*"Dr Chris Cilia: Ġimgħa kien ilu bil-bieb dan il-garaxx?*

*"Xhud: Jekk malli waħħlu sakkru mill-ewwel.*

*"Dr Chris Cilia: U meta twaħħal il-bieb mhux mill-ewwel biċ-ċavetta kien il-bieb?*

*"Xhud: X'inhu?*

*"Dr Chris Cilia: Meta twaħħal il-bieb, il-bieb mhux biċ-ċavetta kien mill-ewwel?*

*"Xhud: Le mhux mill-ewwel għax kien baqagħu biċċa. Kien baqagħlu biċċa bixx kien għadu.*

*"Dr Chris Cilia: U ħallina."*

**29.** Għalhekk meta Paul Scicluna xehed li qatt ma kellhom ċavetta tal-bieb tal-garaxx, wieħed irid japprezza li dan kien qed jgħidu kważi tlett snin wara li ġie kommess l-allegat spoll (f'April 2012) u ried ifisser li

qatt ma kellhom ċavetta tal-bieb minn meta l-konvenuti appellanti sakkruh f'April 2012, u mhux kif qed jippruvaw jagħtu x'jifhmu l-konvenuti appellanti.

**30.** Dwar il-fatt li Rita Scicluna kienet tat permess bil-miktub[5] lil ħuha l-intimat Carmelo Scicluna biex juża l-garaxx (ossia l-bitħa msaqqfa li fuqha għandha titolu ta' qbiela) sabiex fiha jipparkja t-tractor, din il-Qorti ma tarax li dan għandu rilevanza għall-kawża odjerna, in vista tal-fatt li l-att spoljattiv in kwistjoni seħħ fl-4 ta' April 2012 u l-iskrittura saret fit-30 ta' Jannar 2013.

**31.** Għalhekk dan l-aggravju huwa infondat ukoll.

*It-tielet aggravju: jekk il-kawża saritx biex jieħdu lura l-makkinarju iktar milli biex jiġi ripristinat il-pussess allegat minnhom*

**32.** Il-konvenuti appellanti finalment jargumentaw illi mix-xiehda tal-atturi appellati jirriżulta biċ-ċar li dak li qed jippretendu l-istess atturi mhux id-dritt li jkomplu jagħmlu użu mill-kmamar u l-garaxx iżda id-dritt li jkomplu jagħmlu użu mill-għodod u l-makkinarju agrikolu li qed jippretendu li għandhom sehem minnhom.

[5] Ara skrittura tat-30 ta' Jannar 2013 Dok I, fol 88

**33.** Kif osservaw l-atturi appellati fir-risposta tal-appell tagħhom dan il-punt kien diġa` tqajjem mill-konvenuti fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom. F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti irriteniet hekk:

> *"Illi fir-rigward tal-kmamar il-konvenuti ma jistgħux jiddefendu ruħhom lanqas billi jgħidu li l-atturi qegħdin jillimitaw l-azzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jużaw il-makkinarju agrikolu tagħhom għalkemm huwa minnu li kontro-eżaminat wieħed mill-atturi qal li l-kawża qed jagħmluha biex jieħdu ħwejjiġhom lura. Dan għaliex 'Hu l-att promutur kif intavolat it-talbiet u l-premessi tagħhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha teżerċita l-ġudizzju tagħha…' (***Frankie Refalo noe v. Jason Azzopardi et****, Appell deċiż fis-7 ta' Ottubru 1997), u wkoll 'Huwa prinċipju ġenerali illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu deżunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proċeduri…' (***Joseph Tabone v. Joseph Flavia****, Appell deċiż fis-7 ta' Marzu 1958) u fir-rikors promutur huwa evidenti li l-atturi qed jistitwixxu l-kawża ta' spoll għaliex ma għadx għandhom aċċess għal ħwejjiġhom."*

**34.** Huwa veru li Paul Scicluna fix-xiehda tiegħu in subizzjoni meta mistoqsi jekk qattx għamlu kawża biex jieħdu l-għodda lura wieġeb "*Aħna mhux għalhekk qed niġġieldu*?", u huwa veru wkoll li Joseph Scicluna fix-xiehda tiegħu in subizzjoni, meta mistoqsi jekk hu u ħuh Paul qattx għamlu kawża biex jieħdu l-għodda lura wieġeb "*Mhux din hi* (?)". Madanakollu kif osservat l-ewwel Qorti, huwa evidenti li l-kawża saret għaliex issakkru l-kmamar u l-garaxx u għax konsegwentement il-konvenuti *"caħdu lill-atturi mill-pussess u l-aċċess li kellhom għall-istess."* u bħala riżultat ġew ukoll fl-istess ħin mċaħħda mill-aċċess għall-għodda u l-makkinarju u mill-użu tagħhom.

**35.** Għaldaqstant dan it-tielet aggravju huwa wkoll infondat.

**Decide**

**36.** Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell interpost mill-konvenuti u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess konvenuti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df